**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 73 tas-6 ta' Novembru 2013**

L-Onor David Agius għamel referenza għal ftehim li sar fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-30 ta' Settembru 2013 fir-rigward ta' kemm il-darba l-Kamra tista' tiltaqa' fil-ġranet tal-5 u 6 ta' Novembru 2013. Huwa staqsa wkoll jekk fid-dawl ta' *rulings* preċedenti, ftehim li jintlaħaq f'dan il-Kumitat ikunx jorbot lill-Kamra.

Jiena qiegħed nifhem li l-Onor Agius qiegħed jirreferi għar-ruling mogħti mis-Sedja diversament preseduta fis-Seduta 75 tat-Tnejn, 26 ta' Jannar, 2009 fejn kien intqal hekk:

> "Is-Sedja tirreleva li huwa veru li l-Kamra tant tħossha marbuta mill-Ordnijiet Permanenti li kull darba li ħasset l-esiġenza li tirregola l-ħin tagħha b'mod differenti minn kif dawn jipprovdu jew fittxet il-ftehim informali u magħruf tal-Membri jew inkella iddiskutiet u adottat Mozzjoni ta' Proċedura debitament preżentata, diskussa u votata.
>
> Iżda l-Ordni Permanenti numru 8 hu soġġett għall-*proviso* fil-bidu tiegħu "Kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort' oħra". Ilkoll nafu li dan l-Ordni Permanenti jantiċedi b'ħafna snin l-Ordni Permanenti l-ieħor 120Ċ li ġie adottat bi ftehim unanimu tal-Kamra fl-1995, u hu prinċipju fondamentali fil-liġi li provvediment riċenti jipprevali fuq provvediment aktar antik."

Illi b'referenza għal dan is-Sedja, fis-seduta tal-bieraħ filgħaxija, wara li semgħet l-interventi tal-Onor David Agius, l-Onor Carmelo Abela u wara li s-Sedja wkoll rat u fliet fid-dettall it-traskrizzjoni kollha tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-30 ta' Settembru 2013 fejn kien hemm l-interventi tal-Onor Louis Grech, l-Onor David Agius, l-Onor Carmelo Abela, l-Onor Mario DeMarco u tas-Sedja, is-Sedja kif diġa qalet fis-seduta tal-bieraħ u hawn nikkwota:

> "jiġifieri il-ftehim kien għadu mhux ċar anzi ma ġiex konkluż. Allura d-direzzjoni tas-Sedja hija ċara li dak li jiġi diskuss fil-House Business Committee ladarba jkun hemm ftehim ċar, allura jgħodd u jorbot"

u fuq dan m'għandix x'inżid aktar.

Nerġa' nfakkar pero' lill-Onor David Agius u lill-Onor Mario De Marco li wara l-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-30 ta' Settembru 2013 li qiegħed jirreferi għaliha l-Onor Membru, il-Kamra approvat ukoll mozzjoni ta' proċedura li tirregola s-seduti ta' matul il-perjodu tal-budget u se nikkwota wkoll il-qari tal-paragrafu nru 4 li jinsab f'paġna 3 tal-mozzjoni:

> "4. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2014 jew l-Estimi Supplimentari 2013, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filghodu, wara nofs inhar u anke filghaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda. "

Dan il-prinċipju dwar mozzjoni ta' proċedura huwa wkoll il-bażi ta' dak deskritt aħjar fl-*Erskine May Parliamentary Practice* (24ed) f'paġna 332 fejn jgħid;

> "*This far reaching control can be further extended by the government, if the need arises, by inviting the House to agree to a motion suspending the relevant standing orders*."

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li fil-ħin tal-aġġornament tista' tissejjaħ seduta wkoll illum wara nofsinhar stante li din il-mozzjoni tissorpassa dak li seta' ngħad fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.